MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 274/2012

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., bħala mandatarju speċjali ta' DREAM PROPERTY GMBH u ta' DREAM MULTIMEDIA GMBH, zewg kumpanniji esteri reġistrati fil-Germanja u li t-tnejn ghandhom indirizz ta' Pierbusch 26, D-44536 Lunen, il-Germanja**

**vs**

**Dr Yana Micallef Stafrace u PL Nadine Farrugia gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil NINGBO CHIAO FENG SHIPPING CO., LTD., entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' ROOM 2708, GOLD HOTEL, SHENGHUA BLDG., 2098 SHENNAN EAST ROAD, LOUHU DISTRICT, SHENZHEN 518001, GUANGDONG PROVINCE, CHINA b'digriet tat-18 ta' Mejju, 2012**

**Dr Noel Bartolo u PL Madeline Firman gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil AL RYADA**

**MARITIME COMPANY FOR SHIPPING AGENCY A/C NORTH AFRICA SHIPPING, entita' estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' AL NASSER STREET, NEAR PROTOCOL DEPARTMENT TRIPOLI, LIBYA** b'digriet tat- 18 ta' Mejju, 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-13 ta' Marzu 2012 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta' attrici, maghrufa sew *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti dwar id-dekodifikazzjoni, it-trasmissjoni u l-vizjoni ta' programmi satellitarji televizivi bil-markji "DREAM BOX" / "dreambox" u "DREAM MULTIMEDIA", huma rispettivament proprjetarja (Dream Property GmbH) u licenzjatarja (Dream Multimedia GmbH) ta' diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghhom;

2. Illi b'hila u b'invenzjoni, kif ukoll b'hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghhom, is-socjetajiet attrici kisbu reputazzjoni u avvjament enormi dwar dawn l-istess *trademark;*

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta attrici Dream Property GmbH ghandha validament irregistrati f'isimha bhala *trademarks* Komunitarji (CTM) li dwarhom is-socjeta' attrici l-ohra Dream Multimedia GmbH hija licenzjatarja, il-markji "DREAM BOX" (*wordmark*, numru 002768794, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' Mejju elfejn u erbgha (2004)), "dreambox" ( figurativa, numru 010009694, b'effett f'Malta mis-sbatax (17) ta' Mejju elfejn u hdax (2011)), "DREAM MULTIMEDIA" (*wordmark*, numru 002769909, b'effett f'Malta mill-ewwel (1) ta' mejju elfejn u erbgha (2004)), u "dm500" (numru 010012921, b'effett f'Malta mit-tmintax (18) ta' Mejju elfejn u hdax (2011)), u dawn kollha f'kaz *inter alia* dwar prodotti awdjo-vizivi konsistenti f'apparat ghad-dekodifikazzjoni, it-trasmissjoni u l-vizjoni ta' programmi televizivi satellitarji;

4. Illi kull wahda mis-socjetajiet attrici hija "detentrici ta' dritt" ghall-iskopjijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitolu erba' mija w erbatax (414) tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta), biex b'hekk tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-artikoli erbgha (4), tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414), b'disposizzjonijiet rilevanti kontenuti f'dawk l-artikoli ta' ligi li japplikaw ghal dan il-kaz fost ohrajn;

5. Illi recentement, waqt skrutinji f'sitwazzjoni msemmija fl-artikolu erbgha (4) tal-istess Kapitolu erba' mija w erbatax (414) il-Kontrollus tad-Dwana ssosspenda r-rilaxx tal-*container* DFSU 2215104 kontenenti prodotti dwar id-dekodifikazzjoni, it-trasmissjoni u l-vizjoni ta' programmi televizivi satellitarji li kollha ghandom fuqhom *trademarks* "dreambox", kif ukoll "DREAM *multimedia"* jew "DREAM MULTIMEDIA", u waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk (*Malta Freeport)* waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*), mibghuta mill-ewwel konvenuta in tranzitu ghar-rilaxx eventwali favur it-tieni konvenuta. L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjetajiet attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar propjeta' intellettwali;

6. Illi kwindi s-socjetajiet attrici gew debitament mgharrfa bis-sejba u, wara li ezaminaw ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll kompjuni tal-istess, ikkonfermaw lill-Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjetajiet attrici kopja ta' dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *DRAFT WAYBILL NON NEGOTIABLE* fejn, fil-kaxxa relattiva ghax-SHIPPER hemm indikata l-ewwel konvenuta senjatament NINGBO CHIAO FENG SHIPPING CO., LTD., filwaqt li fil-kaxxa relattiva ghall-*CONSIGNEE* hemm indikata t-tieni konvenuta senjatament AL RYADA MARITIME COMPANY FOR SHIPPING AGENCY A/C NORTH AFRICA SHIPPING. Effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika

bhala b'kollox *Dreambox DM 800 / 22 cartons by 10 units each = 220 units,* u *Dreambox DM500 / 50 cartons by 10 units each = 500 units*, ghal total ta' *720 units,* jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta' intellettwali tas-socjetajiet attrici stante li oggetti falsifikati, u dan kollu f'cirkustanzi *inter alia* fejn fil-pajjiz minn fejn intbaghtu hemm *trademarks* u disinji relattivi registrati dwar il-prodotti mertu ta' din il-vertenza;

7. Illi l-Kontrollur tad-Dwana jinsab infurmat mis-socjetajiet attrici li fi zmien utli w entro t-tlettax (13) ta' Marzu elfejn u tnax (2012) huma sejrin jaghtuh prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

8. Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'prodotti dwar id-dekodifikazzjoni, it-trasmissjoni u l-vizjoni ta' programmi televizivi satellarji, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "dreambox", kif ukoll "DREAM *multimedia"* jew "DREAM MULTIMEDIA", u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* DFSU2215104 kien jikkontjeni dawn l-istess oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjetajiet attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjetajiet attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u ghas-spejjez taghhom;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li

effettivament iccahhad lill-konvenuti mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez l-ohra kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. A sa Dok. L;

Rat id-digrieti tat- 18 ta’ Mejju 2012 fejn gew nominati l-kuraturi deputati indikati sabiex jidhru ghall-entitajiet intimati;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ta’ Dr. Noel Bartolo et tal-11 ta’ Gunju 2012 fejn ecceppew:

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati, u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ ghandha dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mal-intimati,

2. Ghal kull buon fini t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr. Yana Micallef Stafrace et tal-15 ta’ Gunju 2012 fejn ecceppew:

Illi l-esponenti m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-5 ta' Lulju 2012 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Luigi A. Sansone ghas-socjeta` attrici li ddikjara li ma ghandhux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett d'ostakolo ghat-18 ta' Lulju 2012;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-markji "DREAM BOX" / "dreambox" u "DREAM MULTIMEDIA", u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta' trademarks fir-Registru tat-Trademarks Komunitarji skond Dok. C sa F annessi mal-istess.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda b'affidavit ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dawna (Dok. K fol. 115) li taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru DFSU 2215104 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti fi *Dreambox DM 800 / 22 cartons by 10 units each = 220 units,* u *Dreambox DM500 / 50 cartons by 10 units each = 500 units*, ghal total ta' *720 units*, u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur CMA GCM FIDELIO fis- 6 ta' Frar 2012 u nfetah, u l-oggetti

nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fit-13 ta' Frar 2012 fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lis-socjetajiet/entitajiet intimati (Dok. AB fol. 491 u Dok. AD 574, cioe affidavit ta' Michael Krause u Alpaslan Karasu, rapprezentanti tas-socjetajiet attrici).

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u fil-fatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez tal-istess entitajiet konvenuti, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 13 ta' Marzu 2012 (Dok. K fol. 115).

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati,

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'prodotti dwar id-dekodifikazzjoni, it-trasmissjoni u l-vizjoni ta' programmi televizivi satellarji, li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* "dreambox", kif ukoll "DREAM *multimedia"* jew "DREAM MULTIMEDIA", u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* DFSU2215104 kien jikkontjeni dawn l-istess oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjetajiet attrici stante li oggetti falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u a spejjez taghhom;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba billi ma hemmx bzonnha;

4. Tordna lis-socjetajiet/entitajiet konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez l-ohra kollha, inkluzi dawk tal-

identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tal-attendenza waqt id-distruzzjoni, kif elenkati kollha fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Dok. K fl-atti tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------